**KUNSILL LOKALI TAL-MTARFA**

---

**IL-ĦAMES LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 21 – L-ERBGĦA, 12 TA' JANNAR 2011 FIT-8.15PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | | |
| | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Antoine Vella | Kunsillier |

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Is-Sindku s-Sur Anthony Mifsud ippropona li jiġu approvati l-minuti. Il-Viċi Sindku ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Ħlasijiet u Pagamenti**

Is-Sindku ppropona li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Kunsilliera Helen Maria Bugeja ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-Awdituri se jibdew fl-20 ta Jannar 2011.

3.2 Il-Kunsill ġie infurmat li ġiet allokata s-somma ta' 7000 euro mill-iskema tal-attivitajiet kulturali biex tiġi organizzata l-*Military Mtarfa*.

**4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Il-Kunsill ġie infurmat li MRRA għamel donazzjoni ta' 6 bankijiet lill-Kunsill. Dawn il-bankijiet għandhom jitwaħħlu fil-Pjazza. Għandhom jitwaħħlu t-tabelli żgħar li jindikaw li dawn ġew mogħtija mill-MRRA.

4.2 Ġie deċiż li jitwaħħal *barrier* tal-ħadid biex ikun hemm aċċess bil-karrozzi restrittiv. Iċ-ċwievet għandhom ikunu l-kunsill kif ukoll ikun hemm kopja l-Għassa tal-Pulizija.

4.3 Ġie deċiż li tinbagħat ittra lill-WSC fuq it-tbattil ta' drenaġġ barra l-iMtarfa. L-ittra għandha turi appoġġ lill-kumitat reġjonali.

4.4 Ġie deċiż li nagħtu l-għajnuna tal-kunsill biex l-iscouts jilqgħu l-istedina li għandhom biex jagħmlu żjara fil-Polonja. Din l-għajnuna m'għandiex tkun finanzjara.

4.5 Ġie deċiż li jsir reklam fil-kalendarju tal-iMtarfa FC. Dan ser ikun 100 euro.

4.6 Ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jiġbor aktar informazzjoni fuq il-proposta tal-*Future Focus* biex 10 studenti mill-iMtarfa jittellgħu Sweden.

4.7.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie infurmat mill-uffiċċjali tal-MRRA li x-xogħol fuq il-bandli għandu jibda fi Frar. Is-Segretarju ressaq stima tal-Perit li kienet saret għall-proġett tal-bandli. Din kienet ta' 342,674.64 euro.

4.7.2 Is-Segretarju informa lill-Kunsill li talab stima ġdida tal-materjal biss, peress li x-xogħol se jsir mingħajr ħlas mill-MRRA. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li l-fondi tal-Kunsill mhumiex bizzejjed biex isir dan il-proġett.

4.7.3 Ġie deċiż li jintalab lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex il-Kunsill jingħata *loan* mingħajr interessi jew permess biex l-Kunsill jiddejjen mal-kuntratturi. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li jekk dan isir, iridu jonqsu l-ispejjeż peress li s-sena 2009 spiċċat b'*deficit* kif ukoll is-sena 2010.

## 5 Attivitajiet

5.1 Ġie deċiż il-programm tal-attivitajiet għall-perjodu Jannar – Mejju 2011. Dawn ser ikunu kif ġej:

6 ta' Marzu – Sfilata tal-Karnival fil-Pjazza
8 ta' Marzu – Jum il-Mara, din se tkun qed tieħu ħsiebha Il-Kun. Helen Bugeja
16 ta' April – Serata Poe-Mużikali fis-Sala tal-Iskola Primarja
18-20 ta' April – Pageant fil-Pjazza
26 ta' April – Children's Easter Party – dan ser jieħu ħsiebu Il-Kun. A. Scerri Diacono
27 ta' April – Jum l-iMtarfa
9 ta' Mejju – Jum l-Omm, din se tkun qed tieħu ħsiebha Il-Kun. Helen Bugeja
22 ta' Mejja – *Military Mtarfa*

5,2 Il-Vici Sindku Simon Paul Fenech kien xettiku fuq l-attivita tal-Military Mtarfa minħabba l-ispejjeż involuti, imma imbgħad qabel meta il-kumplament tal-membri preżenti qablu li ssir.

5.3 Ġie deċiż li l-attivitajiet tal-*Military Mtarfa* jsiru fuq ġurnata waħda, baġit ta' bejn 15,000 u 17,000 euro.

## 6 Aġġornamenti u xogħlijiet

6.1 Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Sar xogħol ta' *patching* madwar il-lokal, 3 spralli fi Triq l-iMtarfa, manutenzjoni fuq il-bankijiet ta' madwar l-iStatwa ta' San Nikola, tabelli u mirja madwar il-lokal. Sar it-tindif tal-kulvert fi Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello. Informa lill-Kunsill li, flimkien mas-Segretarju, saret laqgħa mal-*Green MT* fuq t-tindif madwar is-*sites*, *skip* ġdida tal-kartun fi Triq l-iMtarfa u *bins* ġodda fil-ġonna. Ġie deċiż li ssir lagħqa mal-Kumpanija SR u li tintbagħat ittra lill-banek biex issir ATM fl-iMtarfa.

6.2 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Il-party tat-tfal ta' bejn it-13-18-il sena ma sarx minħabba li ma kienx hemm konkorrenza. Kien hemm talba biex isir *Aerobics* filgħodu ukoll. Ġie deċiż li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lil dawk li taw l-għajnuna biex isiru il-*parties* tat-tfal tal-Milied. Għandha tintbagħat ittra ukoll lill-WSC rigward *leak* quddiem No 69, Triq P. Pullicino.

**6 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fil-11.00pm. Ġie deċiż mill-kunsilliera kollha li l-laqgħa li jmiss issir fid-9 ta' Frar 2011 fit-8.15pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Anthony Mifsud**<br>**Sindku** |